# TAJJEB LI TKUN TAF

Tagħrif maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni

APRIL, 1963 — Nru. 8/63.


## ĦLEJJAQ INFERJURI




DIN hi l-ewwel waħda minn serie qasira ta' kitba dwar ħlejjaq, inferjuri, jiġifieri dawk li għadhom ma żviluppawx sinsla minn-nervatura ċentrali, għalkemm din hija definizzjoni vaga wisq. F'din il-folja naraw biss xi ħaġa fuq l-ewwel ħames Phyla, jew taqsimiet prinċipali, li jinkludu bosta ħlejjaq annimali, ftit u xejn rotob filġisem tagħhom. (I) **Protozoa** huma annimali uniċellulari, primittivi, jinkludu l-amoeba; parassiti f'ħafna mard, bħal trypanosoma, u l-parassita tal-malarja, u kollha mikroskopiċi. (II) **Porifera** li huma l-isponoż. Malta għandna sponoż, iżda mhux fi kwantità u kwalità kummerċjabbli. Nru. 5 (**Euspongia officinalis**) hija dik li tinqabad għall-użu fil-banju. Nru. 7(**Axinalja faveolaria**) li hija kemxejn iebsa, u lewn il-laringa. (III) **Coelenterata** hija taqsima kbira oħra, li tinkludi bosta speċi familjari għalina f'Malta, bħalma huma il-bram, artikli, u oħrajn. Bram għandna ħafna speċi li l-baħar iġib lejna, bħalma huma Nru. 1 **Rhizostoma pulmo,** u Nru. 2 **Palagia noctiluca.** F'din l-istess taqsima hemm dawk li ngħidulhom artikli, bħal Nru. 4 **Anemonia sulcata** li tinsab komuni fuq il-blat tax-xtut, u **Cerianthus membranaceus** li tinħeba taħt ir-ramel, u tikber aktar minn sitt pulzieri. Dawn jaħtfu ħlejjaq ċkejkna bis-swaba tagħhom, li għandhom is-setgħa li jipparalizzaw. Il-Qroll jidħlu fl-istess taqsima. Għalkemm Malta għandna numru tajjeb, dawn, bħall-isponoż, m'humiex ta' kwantità u kwalità kummerċjabbli. Fosthom Nru. 5 li tikber mhux ħażin, u fit-truf tal-friegħi toħroġ swaba sofor. Ta' min jinnota hawn, li l-qroll mhumiex pjanti bħalma jaħsbu x'uħud minħabba li jarawhom bil-friegħi; dawn huma annimali; l-anqas annimal wieħed, iżda kull "Siġra" biex insejħulha hekk, hija kolonja, fejn l-annimali ċkejkna, li individwalment jixbhu l-artikli li għadna kemm semmejna, jikbru u jmutu, warajhom iħallu l-Karbonat tal-Ġir, li jagħqad, u fuqu jistgħu jgħixu ta' warajhom. B'dan il-proċess ta' ħajja jkollhom jiffurmaw "siġra". L-isponoż ukoll huma kolonji, u l-bram għandhom taqsima li turi biċ-ċar li huma wkoll kolonjali jiġifieri magħmula minn ġabra ta' ħlejjaq żgħar, jiffurmaw ġabra sħiħa. Il-għamla u l-ħajja ta' dawn hija komplikata, u trid it-tul biex tiddeskriviha, għalhekk ikollna inħalluhom. (IV) **Platyhelminthes** tinkludi ħlejjaq bħal Planaria li jinsabu komuni fl-ilma tal-bjar, qishom vleġeġ żgħar kannella jew suwed, jitkaxkru bħal bugħarwien, ċatti mal-qiegħ. Ukoll insibu parassiti bħal Fasciala tal-fwied u oħrajn, kif ukoll id-duda ta' l-imsaren, li tista' tkun twila ħafna piedi, u tinsab fl-imsaren tal-annimali, kif ukoll f'tal-bniedem. (V) **Annelida** huma ħlejjaq li għandhom ġisimhom magħmul minn serje ta' ħoloq u mingħajr saqajn. Fost dawn insibu l-ħanex tal-ħamrija, li huwa komuni fil-ġonna u fil-kampanja, fejn ikun iħaffer fil-ħamrija umda, u ġieli jkun twil mhux ħażin. Dan huwa ħanex artab u safrani jew roża. Fil-baħar jinsabu ħafna annelidi jew ħniex, bosta minnhom jinqabdu għas-sajd biex iservu bħala għalf, iżda oħrajn huma sedentarji, jiġifieri jibqgħu f'post wieħed, u joħorġu bħal swaba minn ġo tubu dejjaq, bħal Nru. 9 **Protula intestinum,** li joħorġu swaba ħamranin. In-Nru. 3 huwa annelid ieħor (Alciopa Cantraini) li jista' jinsab mal-mewġ bħal bram, u huwa trasparenti bħalhom. Fil-folja li ġejja inkomplu l-annimali inferjuri, jew invertebrati, billi nagħtu daqqa t'għajn lejn il-molluski.